# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLVI**
**Illum 7 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 12/2001**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**

**v.**

**Christopher Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Ellul talli f'dawn il-Gzejjer, fil-Gnejna, limiti ta' l-Mgarr, Malta, nhar l-erbatax (14) ta' April 2000, ghall-habta ta' nofs il-lejl u ghoxrin minuta (**1**) bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Sabrina Sauter ta' dsatax il-sena, liema reat sar meta l-istess persuna ma kienetx tista tirrezisti ghal xi raguni ndipendenti mill-ghemil tal-imputat Christopher Ellul u minhabba l-mezzi qarrieqa li nqeda bihom; (**2**) b'eghmil zieni kkorrompa lill-imsemmija Sabrina Sauter, liema delitt sar b'theddid, b'qerq u bil-vjolenza; (**3**) bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, zamm jew issekwestra lil Sabrina Sauter kontra l-volonta` taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet mhedda bil-mewt u giet offiza fuq il-persuna [taghha u giet] imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; (**4**) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-imsemmija Sabrina Sauter f'periklu car, ikkaguna hsara fuq il-persuna taghha, kif iccertifikat it-tabiba Maria Borda; (**5**) offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku; (**6**) u aktar, talli sar recidiv b'sentenzi moghtija nhar id-9 ta' Settembru, 1991 (Awla 1), u nhar is-26 ta' Mejju 1997 (Awla 6), liema sentenzi saru definitivi; (**7**) talli [kkommetta reat fil-periodu operattiv ta'] sentenza sospiza moghtija nhar it-8 ta' Ottubru, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Carmel Lino Agius LL.D. (Seduta Numru LXX11, Appell Numru 182/94); (**8**) talli [kkommetta reat fil-periodu operattiv ta'] sentenza sospiza moghtija nhar l-1 ta' Gunju, 1998 mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona LL.D.; (**9**) kif ukoll talli [kkommetta reat fil-periodu operattiv ta'] sentenza sospiza moghtija nhar it-28 ta' Mejju, 1998 mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona LL. D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Christopher Ellul <u>mhux hati</u>

skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tieni imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha (cioe` skond it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet) (fir-rigward tas-sitt imputazzjoni dik il-qorti fissret li kienet qed issib lill-imputat li hu recidiv kemm skond l-Artikolu 49 kif ukoll skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali); is-sentenza tkompli hekk:

"In vista tas-suespost ghalhekk qed tordna li t-tlett sentenzi fuq citati [isiru] operattivi u cioe` s-sentenza moghtija fit-8 ta' Ottubru, 1999 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi, dik moghtija fl-1 ta' Gunju, 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie kkundannat disa' xhur prigunerija sospizi u dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Mejju, 1998 fejn kien gie kkundannat disa' xhur sospizi u cioe` dawn it-tlett snin u nofs prigunerija jigu in effett immedjat.
"In oltre il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Christopher Ellul hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv l-akkuza ta' stupru u ta' korruzzjoni ta' minorenni minn liema zewg akkuzi qed tilliberah, u tikkundannah komplessivament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar konkors ta' reati u piena ghal piena addizzjonali ta' sentejn.
"Ghalhekk b'kollox l-imputat irid jaghmel hames snin u nofs prigunerija.
"Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din l-istess kawza." (sottolinear ta' l-ewwel qorti);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Christopher Ellul, minnu ppresentat fil-22 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ir-rikors tat-3 ta' Mejju, 2001; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu, fil-parti l-kbira tieghu, wiehed fieragh, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu mfissra man mano li jigu ezaminati *seriatim* id-diversi aggravji tal-appellant. L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel qorti injorat (skond hu) dak li qal P.C. Alfred Micallef meta xehed fis-27 ta' Novembru, 2000, fis-sens illi dana x-xhud "kien irrileva illi ma rax tracci ta' xi *struggle* li suppost li sehhet fil-van minhabba l-allegata resistenza tat-tfajla". L-appellant jghid ukoll li dana x-xhud kien kien qal li l-hwejjeg tat-tfajla "kienu mitwijin puliti fuq is-*seat* ta' wara", kliem li, skond l-appellant, ma giex registrat mill-Magistrat "allavolja saret enfasi kbira fuqha [**recte:** fuqhom, cioe` fuq dawn il-kliem] mill-avukat difensur a tempo vergine". Din il-Qorti, pero', tosserva li fid-deposizzjoni tieghu tas-27 ta' Novembru, 2000, fol. 98 (P.C. Micallef xehed precedentement fis-17 ta' April, 2000, fol. 27) l-imsemmi kuntistabbli ma jghid xejn fuq xi sinjali ta' kolluttazzjoni, la li ra tali sinjali u anqas li ma rax. Din il-Qorti fi kwalunkwe kaz tara li t-tip ta' resistenza li offriet Sabrina Sauter fl-ispazju konfinat ta' van ma kienx tali li kellu necessarjament ihalli xi sinjali vizibbli, bhal tkissir u/jew tifrik. Kwantu ghall-kwistjoni tal-hwejjeg tat-tfajla allegatament "mitwijin puliti", din il-Qorti regghet semghet lill-imsemmi kuntistabbli fit-30 ta' April, 2001, u dan mhux biss qal li ma jiftakarx li qatt qal kliem simili quddiem l-ewwel qorti, izda addirittura qal li hu jiftakar li l-hwejjeg

tat-tfajla kienu "mitfughin b'mod bl-addocc qisek tfajt xi haga u waddabtha fuq is-*seat* ta' wara". L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ikkwotat hazin id-deposizzjoni ta' dana l-kuntistabbli meta qalet illi "huwa (P.C. Alfred Micallef) kkonferma li permezz ta' *torch* ra lil Sabrina Sauter gharwiena huta u li l-imputat kien qed jittanta jirrepjaha u li beda jheddidha li kien ser joqtolha jekk ma tikkooperax mieghu". Skond l-appellant, P.C. Micallef qatt ma qal dana l-kliem, u dana l-kliem "ma jinsab registrat imkien fix-xiehda ta' P.C. Micallef". Issa, jew l-appellant – jew min irrediga l-appell a nom tieghu – ma rax id-deposizzjoni ta' l-imsemmi kuntistabbli tas-17 ta' April, 2000 (fol. 27), jew dak li jkun qed jipprova jilghab bid-dskors. Fil-parti tas-sentenza li minnha qed jilmenta l-appellant huwa evidenti li l-ewwel qorti, b'referenza ghat-tentattiv ta' stupru u ghat-theddid, kienet qed tghid <u>dak li Micallef qal li qaltlu Sauter u mhux dak li kien ra b'ghajnejh</u>. Ghal kull buon fini qed tigi riprodotta l-parti relattiva tad-deposizzjoni ta' l-imsemmi kuntistabbli:

"Minnufih inzilna mill-karozza tal-pulizija taghna u morna bit-*torch* inharsu x'kien qed jigri go l-van. Sibna tfajla bla hwejjeg fuq is-*seat* bilqeghda fuq is-*seat* ta' wara d-driver u lill-imputat liebes flokk u bil-qalziet ta' taht qisu bil-wieqfa fil-van. It-tfajla qaltilna li kien qed jittanta jirrejpjaha u qalet li beda jheddidha li kien ser joqtolha jekk ma tikkooperax mieghu fis-sens li taghmel dak li jrid hu minnha" (fol. 27-28).

Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa wiehed immaginarju.

It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma kellhiex temmen il-versjoni ta' l-akkadut moghtija mill-imsemmija Sauter u tiskarta l-versjoni tieghu. Hu jghid in partikolari li meta l-ewwel qorti qalet, fis-sentenza taghha, li meta tigi biex tapprezza l-kredibbilita` ta' xhud (inkluza, allura, l-kredibbilita` tieghu peress li huwa xehed fil-15 ta' Dicembru, 2000), wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni, fost affarijiet ohra, l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, l-ewwel qorti jigi li skartat il-versjoni tieghu "ghaliex huwa kien instab hati ta' reati qabel". Dana l-aggravju hu infondat. Ma hemm xejn fis-sentenza ta' l-ewwel qorti li jista' b'xi mod jindika li dik il-qorti tat interpretazzjoni differenti lill-kliem "imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (uzati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9) minn dik li komunement tinghata lil dawn l-istess kliem, u cioe` <u>il-mod kif ix-xhud igib ruhhu fuq il-pedana tax-xhieda</u>, l-imgieba, il-kondotta u l-karattru kif manifestati u kif jemergu <u>minn fuq il-pedana tax-xhieda</u>. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-diversi deposizzjonijiet, ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti. Anzi din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi konvinta li l-versjoni moghtija minn Sauter hija l-versjoni vera, u cioe` li hija giet mehuda b'ingann u kontra l-volonta` taghha fil-bajja tal-Gnejna, li hemmhekk giet mizmuma kontra l-volonta` taghha u mhedda sabiex l-appellant ikun jista' jaghmel atti ta' libidini fuqha u fil-presenza taghha, u li waqt dan kollu hija sofriet ukoll xi offizi hfief fuq il-persuna taghha.

It-tielet u r-raba' aggravji, li jistghu konvenjentement jigu kkunsidrati flimkien, huma fis-sens li ma giex pruvat fil-grad li trid il-ligi li Sauter kienet giet mizmuma jew sekwestrata bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx. Ghandu jigi osservat li ghall-fini tar-reat in dizamina huwa bizzejjed, biex jikkonfigura dana d-delitt, li persuna tigi <u>jew</u> arrestata <u>jew</u> mizmuna <u>jew</u> issekwestrata kontra l-volonta` taghha u minghajr ordni skond il-

ligi ta' l-awtorita` kompetenti. F'dana l-kaz din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li Sauter mhux biss ittiehdet f'post dizbitat kontra l-volonta` taghha izda li inzammet hemm bil-forza u kontra l-volonta` taghha mill-appellant sabiex huwa seta' jaghmel l-atti aktar l-fuq imsemmija. Ghalhekk dawna l-aggravji qed jigu wkoll respinti.

Il-hames aggravju hu, bazikament, li l-appellant ma uzax vjolenza jew hedded li joqtol lill-imsemmija Sauter. Dana l-aggarvju wkoll jirrisulta infondat fid-dawl tad-deposizzjoni ta' l-imsemmija tfajla. Kwantu ghas-sitt aggravju, l-appellant jikkontendi li l-offizi ta' natura hafifa ma gewx ippruvati minghajr dubbju ragjonevoli. Hu jghid in partikolari li t-tabiba (Dott. Maria Borda) "ikkonfermat illi t-tfajla hija mara li gisimha delikat hafna u jimmarka ma' l-anqas haga". Din il-Qorti ghal darba ohra tosserva li din ix-xhud imkien ma qalet dak li qed jallega l-appellant (ara d-deposizzjonijiet taghha a fol. 22-23, u 101-102). Dak li qalet din ix-xhud hu li l-hmura li rriskontrat fuq in-naha ta' quddiem ta' ghonq Sauter u fuq spallejha kien ir-risultat ta' certu ammont ta' taghfis ("pressure"). Din il-hmura (*erythema*) u l-grif riskontrati jammontaw ghal offizi hfief fuq il-persuna; u l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li dwana l-offizi gew kagunati mill-appellant waqt li hu kien qed izomm bil-forza lil Sauter kemm barra kif ukoll gewwa l-van.

Is-seba' aggravju ta' l-appellant hu li fir-rigward tal-hames imputazzjoni u r-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, jonqos l-element tal-pubblicita`. Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Il-fatt li dak li gara sehh fid-dizabitat u fis-satra tal-lejl ma jfissirx, skond gurisprudenza kostanti, li ma sehhx "f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku". Inoltre, galadarba ma jirrisultax li l-van in kwistjoni kellha xi tendini u li dawn kienu migbuda b'mod li dak li jkun ma setax minn barra jara x'kien qed isir gewwa l-istess van, hemm l-element tal-pubblicita` ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni[1].

L-ahhar aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-piena. Huwa fil-fatt dana l-aggravju li ser izomm lil din il-Qorti milli tiddikjara l-appell bhala wiehed fieragh fit-termini ta' l-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, u dana peress li l-ewwel qorti ma kienitx korretta fl-applikazzjoni tal-piena f'dana l-kaz. Jibda biex jinghad li fil-fatt hemm tnejn u mhux tlett sentenzi ta' prigunerija sospizi li kellhom jigu attivati, u dana peress li s-sentenza tal-1 ta' Gunju, 1998 kienet effettivament (u erroneament) qed tapplika l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali u testendi l-periodu operattiv ta' sentenza precedenti, cioe` tas-sentenza tat-28 ta' Mejju, 1998[2]. Ghalhekk iz-zewg sentenzi li kellhom jigu attivati huma dawk tat-8 ta' Ottubru, 1999 (sentejn prigunerija) u tat-28 ta' Mejju, 1998 (disa' xhur prigunerija). L-ewwel qorti naqset ukoll milli tapplika s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28E tal-Kodici Kriminali meta giet biex tordna li

---

[1] Kwantu ghall-espressjoni "lok espost ghall-pubbliku" ara ***Il-Pulizija v. George Xuereb***, App. Krim., 5/12/97.

[2] Jinghad "erroneament" ghax jekk wiehed jaqra s-sentenza tal-1 ta' Gunju, 1998 isib li dik il-qorti proprjament ma kienitx qed tittratta mal-hati talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, u ghalhekk ma kienx applikabbli l-Artikolu 28B. Dik il-qorti, pero`, "ikkonfermat" il-periodu ta' disa' xhur prigunerija (moghti fit-28 ta' Mejju, 1998) u ordnat "…is-sospensjoni tal-istess testendi l-periodu operattiv tieghu zmien tlett snin mill-lum". Peress li ma jirrisultax li sar appell mill-prosekuzzjoni, il-konfuzjoni f'dik is-sentenza tal-1 ta' Gunju, 1998 ma tistax illum tigi rimedjata.

jibdew fis-sehh is-sentenzi sospizi u biex taghti l-piena ghar-“reati l-ohra” (cioe` r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet tlieta, erbgha w hamsa). Dak li ghamlet l-ewwel qorti kien li wara li ffissat il-piena ghar-“reati l-ohra” – sentejn prigunerija – ziedet maghhom <u>b’mod aritmetiku</u> sentejn, disa’ xhur u disa’ xhur ohra. Tali komputazzjoni tinjora kompletament l-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali li, skond l-Artikolu 28E(2), irid jigi applikat anke meta jkunu qed jigu attivati sentenzi sospizi (purche`, naturalment, li l-piena ghar-“reat l-iehor” jew ghar-“reati l-ohra” tkun dik ta’ prigunerija ghal zmien determinat, ghax altrimenti ma jkunx japplika l-imsemmi paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 17). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel qorti kellha taghti piena wahda ta’ prigunerija li tikkomprendi l-oghla piena ta’ prigunerija (sentejn) “biz-zieda minn terz san-nofs tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien” (terz jew nofs ta’ sentejn + disa’ xhur). Din il-Qorti hi ben konxja li s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 28E donnu jiznatura l-kuncett kollu tas-sentenza sospiza, ghax kull darba li ghar-“reat l-iehor” ikun hemm piena ta’ prigunerija oghla minn dik ta’ prigunerija sospiza, din ta’ l-ahhar ma tigix applikata fl-intier taghha. Inoltre, l-imsemmi subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 28E ma jaghmilx sens fl-ipotesi kontemplata fl-Artikolu 28D. Jista’, infatti, jkun hemm it-tentazzjoni li jigi applikat dejjem l-Artikolu 28D biex wiehed jevadi s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 28E. Pero` fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 28E(2) tal-Kodici Kriminali; u galadarba dana ma ghamlitux, ikollha taghmlu din il-Qorti.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjonijiet;
(b) tikkonfermha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’ u d-disa’ imputazzjonijiet;
(c) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tmien imputazzjoni; u
(d) thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok (i) tordna li ghandhom jibdew isehhu s-sentenzi ta’ prigunerija sospizi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-8 ta’ Ottubru, 1999 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta’ Mejju, 1998; (ii) tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn prigunerija dwar l-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5 u 6; u (iii) b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28E(2) tal-Kodici Kriminali tiddikjara li l-piena <u>komplessiva ta’ prigunerija li ghandu jiskonta l-appellant</u> hija ta’ **tlett snin u erba’ xhur prigunerija**, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas kwalsiasi periodu ta’ arrest preventiv li l-appellant diga ghamel in konnessjoni <u>ma’ dana l-kaz mill-gurnata li fiha tressaq il-qorti fil-15 ta’ April, 2000 sad-data tas-sentenza appellata, cioe` sal-10 ta’ Jannar, 2001</u>.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta’ l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

Fl-ahharnett il-Qorti, ghall-kull buon fini, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komumikata lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u lill-Avukat Generali sabiex dawn jirriflettu sew dwar l-implikazzjonijiet kollha tas-

subartikolu (2) tal-Artikolu 28E tal-Kodici Kriminali, u jaraw jekk huwiex il-kaz li dan is-subartikolu ghandu jitnehha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur